TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1130

KAZ NRU. 1382

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Mary Axiaq

u

Bryjan Limited

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 10 ta Lulju 2000

Chairman : Is-Sur George Borg-Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 8 ta' Ottubru 1999 b'referenza MSP/TI/81/99 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 6 seduti.

Mary Axiaq, aktar il-quddiem tissejjah l-"appellant", kienet assistita mill-Avukat Anton Refalo u Bryjan Limited, aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn Joseph Rapa assistit mill-Avukat Aaron Attard Hili.

Fl-Istqarrija tal-kaz l-appellant qalet li bdiet tahdem mal-Kumpanija mill-1 ta'Settembru 1994 u tkecciet ingustament fit-30 ta' Settembru 1999. Ikkontendiet li qatt ma kellha xi tghid mal-Principal, qatt ma ngibdidilha l-attenzjoni li qed taghmel xoghol hazin, qatt ma nghatat twissijiet la bil-miktub u anqas verbalment u ma nghatatx raguni ghat-tkeccija. Fil-formola tat-temm tal-impieg il-Principal nizzel biss "dismissed" u minhabba f'hekk kienet prekluza li tirregistra taht l-Ewwel Parti u li tircievi beneficcji tal-qaghad.

Minn naha l-ohra l-Kumpanija sostniet li l-inkwiet ma l-appellant beda meta bdiet tahdem ukoll f'post iehor matul is-sajf tal-1999 u dan it-tieni mpieg beda jeffettwa l-andament u l-attidudni ta' l-appellant fuq ix-xoghol mal-Kumpanija. Dan kien dovut ghal ghejja fizika u traskuragni. Id-Direttur tal-Kumpanija diversi drabi gibet l-attenzjoni ta' l-appellant biex tikkoncentra aktar fuq ix-xoghol izda hi kienet tinjora

dawn it-twissijiet. L-appellant baqghet intransigenti u ippersistiet fl-attitudni rrisponsabbli tant li xogholha baqghet ma tghamlux sewwa. Ghalhekk il-Kumpanija ma kellha ebda triq ohra hlief li tkecci l-appellant.

Waqt it-trattazzjoni tal-kaz l-appellant sostniet dak kollu li esponiet fl-Istqarrija tal-Kaz waqt li l-Kumpanija ma baqghetx isostni tant l-argument li n-nuqqasijiet ta' l-appellant kienu dovuti ghal ghejja u traskuragni minhabba li bdiet tahdem f'post iehor ukoll, kif kienet qalet fl-Istqarrija. Anzi ghamlet hafna enfasi li l-appellant kienet toqghod titkellem u titnikker ma haddiehor, kellha "clashes" ma l-head waitress, ma kienetx tobdi ordnijiet ta' din u tad-Direttur u ma kienetx taghmel xogholha sewwa. Semmiet ukoll li f'Mejju kienet waqqfet l-pagament ta' Lm 30 lira extra fix-xahar lill-appellant bhala twissija izda aktar tard kienet hallsithom bhala incentiv biex ix-xoghol imur gall-ahjar.

Wara li qies ix-xhieda u d-dokumenti t-Tribunal wasal ghal dawn il-konkluzzjonijiet :

1. L-appellant kienet konsistenti fix-xhieda taghha ma dak li esponiet fl-Istqarrija tal-Kaz ;

2. Waqt it-trattazzjoni l-Kumpanija bidlet sostanzjalment ir-ragunijiet ghat-tkeccija minn dawk li kienu nghataw fl-Istqarrija tal-Kaz ;

3. Ghalkemm jidher li l-appellant ingibditilha l-attenzjoni verbalment ghal xi nuqqasijiet ma jirrezultax li nghatat twissjiet bil-miktub ;

4. Mid-dokumenti pprezentati jidher li l-pagament tat-Lm 30 extra ghal Mejju (li l-Kumpanija qalet kienu mizmuma bhala twissija) thallsu fl-14 ta' Awissu u dawk ghal Gunju, Lulju u Awissu fit-2 ta' Settembru 1999. Dan jindika li sa tlett gimghat qabel it-tkeccija l-Kumpanija kienet sodisfatta bix-xoghol ta' l-appellant ;

5. Ma jirrizultax li l-Kumpanija ghamlet hilitha biex issolvi xi disgwid li seta' kien hemm bejn l-appellant u l-head waitress ;

6. Il-Kumpanija ma tellghet il-hadd mill-impjegati biex jixhdu dwar l-allegati nuqqasijiet tal-appellant, l-anqas il-head waitress li ntqal kellha "clashes" maghha.

Dan it-Tribunal kemm il-darba ghamel enfasi li l-kastig estrem tat-tkeccija mghandux isir minghajr twissijiet xierqa ghal nuqqasijiet b'mod li l-impjegat ikun avzat li qed jipperikola l-impieg tieghu. Ukoll li principali ghandhom jizguraw li meta jiehdu passi dixxiplinarji, u specjalment dik ta' tkeccija, isiru korrettement dawk il-proceduri li permezz taghhom jirrezulta li l-impjegat ikun nghata twissijiet kif mehtieg u opportunita xierqa ta' difiza.

It-Tribunal jiddeciedi li , anke jekk l-appellant kellha xi nuqqasijiet, dawn ma kienux tali li jikkostitwixxu raguni tajba u sufficienti ghat-tkeccija kif tirrikjedi l-ligi.

It-Tribunal jordna li l-Kumpanija ghanda thallas Kumpens lill-appellant fl-ammont ta' Lm 1500 (elf u hames mitt lira Maltin) li ghandhom jithallsu mhux aktar tard mill-15 ta' Awissu 2000.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg-Cardona
Chairman

Emma Muscat
A/ segretarja